**4 ta' Novembru, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Dottor Tonio Azzopardi

*versus*

Onorevoli Prim Ministru *et*

**Kostituzzjoni – Aġenti Mħallfin – Appell minn Ammissjoni – "*Fair Hearing*" – Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali – Qorti Indipendenti u Imparzjali**

*Il-kelma "vakanza" fl-art 98(2) tal-Kostituzzjoni qiegħda u tista' tirreferi biss għal meta jkun hemm kariga ġà okkupata minn Imħallef li tisfa vakanti tkun xi tkun ir-raġuni. Il-vakanza li jsemmi l-artikolu 98(2) tal-Kostituzzjoni trid tiġi kkunsidrata b'riferenza għan-numru ta' Mħallfin ġà eżistenti u ma tistax testendi fis-sinifikat tagħha. Il-vakanza kontemplata mill-art 98(2) tista' timtela b'Aġenti Mħallfin purchè dik tkun ta' wieħed mill-"complement" eżistenti. Mhux konċepibbli li jekk l-Eżekuttiv jiddeċiedi li jikkreja jew joħloq vakanza, ikun jista' jimla l-istess "vakanza" b'Aġent Imħallef. fil-każ preżenti, ma kien hemm ebda vakanza bil-mod kif jistipuka l-art. 98(2) fuq imsemmi billi ebda waħda mill-karigi ta' l-Imħallfin ġa eżistenti sfat vakanti. Dan iġib miegħu l-konsegwenza illi n-nomina ta' Aġenti Mħallfin tmur kontra l-istess artikolu 98(2).*

*Biex ikun hemm "Fair Hearing" jinħtieġu erba' elementi: (a) Qorti (b) imwaqqfa skond il-liġi (ċ) indipendenti (d) imparzjali.*

*Skond l-artikolu 41(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Qorti ta' l-Appell "hija magħmula mill-President u żewġ Imħallfin oħra ..." Naturalment il-kliem "żewġ Imħallfin oħra ..." għandhom jiftiehmu nominati skond il-liġi. Il-Qorti Kostituzzjonali waslet għall-konklużjoni illi n-nomina ta' l-Aġenti Mħallfin ma kenitx konformi ma' l-art 98(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u għalhekk kienet invalida. Minħabba f'hekk ġie li l-Qorti ta' l-Appell ma kenitx komposta kif jistabbilixxi l-artikolu 41(1)*

*tal-Kodiċi fuq imsemmi billi n-nomina taż-żewġ Imħallfin kienet illegali u għalhekk invalida. Il-Qorti ta' l-Appell in kwistjoni fit-termini ta' l-artikolu 41(1) "de quo" għalhekk ma teżistix billi fiha hemm biss il-President. għalhekk f'dan il-każ hemm nieqes l-ewwel element essenzjali tal-"fair hearing" u għalhekk mhux sodisfatti r-rekwiżi ta' l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-art 6 tal-Konvenzjoni.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat illi n-nomina ta' Aġenti Mħallfin tmur kontra l-art 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni u l-art. 98(2) tal-Kostituzzjoni.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' Dottor Tonio Azzopardi ppreżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru, 1992 li bih wara li ppremetta illi:

1) Illi r-rikorrent ġie nnotifikat b'avviż għas-smigħ ta' appell fil-każa fl-ismijiet Anthony Sammut u Dr Anthony H. Farrugia – *vs* – Dr. Tonio Azzopardi liema appella ġie appuntat għat-2 ta' Ottubru, 1992;

2) Illi dan l-appell għandu jinstema' quddiem Qorti ta' Appell temporanja, komposta mis-S.T. il-President tal-Qorti flimkien ma' żewġ Aġenti Mħallfin maħturin mill-E.T. il-President ta' Malta fuq parir tal-konvenut Onorevoli Prim Malta fuq parir tal-konvenut Onorevoli Prim Ministru, liema żewġ Mħallfin għandu jkollhom dina l-kariga għall-perijodu ta' ħdax-il xahar;

3) Illi l-imsemmija ħatra tivvjola d-disposizzjonijiet tas-sub-inċiż (2) ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta in

kwantu jipprovdi li:

"Kull Qorti jew Awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali...";

4) Illi l-imsemmija ħatra tivvjola wkoll is-subinċiż (1) ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kontenut fl-Ewwel Skeda tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

5) Illi r-rikorrent minħabba n-natura, il-mod u l-kundizzjonijiet ta' kif saret din in-nomina mhux ħa jiġi ġġudikat minn Qorti indipendenti u imparzjali kif trid il-Kostituzzjoni;

6) Illi dan it-tribunal m'huwiex imparzjali u indipendenti billi fost ħwejjeġ oħra ż-żewġ Aġenti Mħallfin li hemm fuqu ma jgawdux l-istess protezzjoni sħiħa li jgawdu l-Imħallfin regolari taħt il-Kostituzzjoni fosthom m'għandhomx is-*"security of tenure"* li tagħti l-Kostituzzjoni u għalhekk tiġi nieqsa wkoll il-garanzija kostituzzjonali ta' salvagwardja l-imparzjalità tagħhom;

7) Illi n-nomina ta' l-Imħallfin Aġenti wkoll mhux skond il-liġi billi skond il-Kostituzzjoni (artikolu 98(2) ) Aġenti Mħallfin jistgħu jiġu nominati biss jekk il-kariga ta' xi Mħallef tal-Qorti Superjuri tkun vakanti, mentri fil-fatt ma teżisti ebda vakanza bħal din; u għalhekk il-Qorti ta' l-Appell kif kostitwita mhux Qorti mwaqqfa b'liġi;

8) Illi barra minn hekk dawn in-nomini u dik il-kostituzzjoni tat-tieni Qorti ta' l-Appell (temporanja) hija in

vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) li jikkontemplaw biss l-eżistenza ta' Qorti ta' l-Appell waħda u inoltre ma jikkontemplawx l-eżistenza ta' Qorti ta' l-Appell temporanja'';

Talab lil dik l-Onorabbli Qorti –

''tagħmel dawk l-ordnijiet, torħoġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq u tiżgura t-twettiq ta' l-artikoli fuq imsemmija, fosthom, billi tiddikjara illi l-imsemmijin ħatriet u l-kostituzzjoni ta' l-imsemmija Qorti ta' l-Appell tempranja huma nulli u bla effett; bl-ispejjeż'';

Rat ir-risposta ta' l-Onorevoli Prim Ministru ppreżentata wkoll fit-2 ta' Ottubru li biha wieġeb għat-talbiet tar-rikorrent u ta r-raġunijiet tiegħu in sostenn tas-sottomissjoni tiegħu li t-talbiet kollha tar-rikorrent kellhom jiġu miċħuda bħala frivoli u vessatorji bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;

Rat ir-risposta ta' l-intimat Dr. Anthony H. Farrugia ppreżentata fis-6 ta' Ottubru, 1992 li biha ddikjara li jaqbel mal-kontenut tar-rikors ippreżentat minn Dr. Tonio Azzopardi u jaderixxi mad-domandi li saru fih;

Rat ir-risposta ta' Anthony Sammut ippreżentata seduta stante fis-7 ta' Ottubru, 1992 li biha ddikjara illi fil-meritu kien jaqbel mas-sottomissjonijiet kontenuti fir-rikors u għalhekk kien qed jammetti d-domandi;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fit-12 ta' Ottubru, 1992 li biha dik il-Qorti ddeċidiet illi:

"... n-nomina ta' Aġenti Mħallfin u l-komposizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell kif stabbilita bl-Avviż Legali Numru 624 ta' l-1992:

1. ma jilledux id-disposizzjonijiet tas-subinċiż tnejn ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas jivvjolaw is-subinċiż 1 ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

2. ma jilledux id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, fir-rigward ta' l-eżistenza ta' Qorti ta' Appell waħda u ta' Qorti ta' Appell temporanja;

3. tiddikjara li tali nomina mhix konformi ma' l-artikolu 98(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u konsegwentement il-Qorti ta' l-Appell kif kostitwita mhix Qorti mwaqqfa skond il-Liġi u l-Kostituzzjoni;

L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti";

u dan wara li kkonsidrat dan li ġej:

"Ir-rikorrent qed jikkontesta l-legalità tal-komposizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell li quddiemha għandha tinstema' l-kawża tiegħu kontra l-intimati Dr. Anthony H. Farrugia u Anthony Sammut. L-appell ġie appuntat għas-smigħ quddiem Qorti ta' Appell komposta mis-Sinjurija Tiegħu l-President tal-Qrati flimkien ma' żewġ Aġenti Mħallfin, l-Onorevoli Dottor Riccardo Farrugia

u l-Onorevoli Dottor Joseph Borg, li ġew maħtura mill-President tar-Repubbblika fuq parir ta' l-intimat l-Onorevoli Prim Ministru. Ma hemm l-ebda kontestazzjoni fuq il-fatt li taw lok għal dan ir-rikors – fatti li jirriżultaw mid-dokumenti esibiti fl-atti u li huma ta' dominju pubbliku;

Utili li jiġi riprodott id-dokument tal-ħatra ta' dawn l-Aġenti Mħallfin billi hu rilevanti għad-determinazzjoni tal-mertu ta' dan ir-rikors. Is-sottolinear hu tal-Qorti: –

"**Billi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 98 tal-*Kostituzzjoni ta' Malta*,** *jipprovdi li jekk il-kariga ta'* ***xi Mħallef*** tal-Qrati Superjuri (li ma jkunx il-Prim Imħallef) **tkun vakanti** jew jekk **xi** Mħallef **bħal dak** ikun maħtur biex jaġixxi ta' Prim Imħallef jew ikun għal xi raġuni inkapaċi li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, il-President, li jaġixxi fuq il-parir tal-Prim Ministru, jista' jaħtar persuna kwalifikata għall-ħatra bħala Mħallef ta' dawn il-Qrati; u

Billi **hi d-deċiżjoni tal-Gvern** li fil-Qorti ta' l-Appell flimkien mal-Prim Imħallef għandhom joqogħdu żewġ Imħallfin oħra biex jieħdu konjizzjoni ta' numru ta' Appelli, u dana minbarra ż-żewġ Imħallfin li **normalment** joqogħdu ma' l-istess Prim Imħallef f'din il-Qorti, **ikkrejat vakanzi fost il-karigi** ta' l-Imħallfin tal-Qrati Superjuri; u

Billi jiena ġejt mogħti parir mill-Onorevoli Prim Ministru biex naħtar lil … …, Duttur tal-Liġi bħala Aġent Imħallef tal-Qrati Superjuri, u ***dana għall-perijodu ta' ħdax-il xahar li jibda mil-lum;***

Issa għalhekk jiena Ċensu Tabone, President ta' Malta, **bis-saħħa mogħtija lili bl-artikolu 98 tal-Kostituzzjoni ta' Malta,** u bis-setgħat kollha li għandi, qiegħed naħtar lill-imsemmi ... ... Duttur tal-Liġi bħala **Aġent Imħallef** tal-Qrati Superjuri ta' Malta **għall-perijodu ta' ħdax-il xahar''**;

Għandu jiġi ppreċiżat illi, waqt li d-dokument tal-ħatra jagħti bħala **motivazzjoni** għall-ħtieġa li jiġu nnominati l-Aġenti Mħallfin, id-deċiżjoni tal-Gvern li jikkreja Qorti ta' l-Appell oħra u il-konsegwenzjali ħolqien ta' vakanzi fost il-karigi ta' l-Imħallfin, il- ħatra tagħhom saret bħala **Aġent Imħallef tal-Qrati Superjuri**;

Kien biss bin-notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tad-19 ta' Settembru, 1992, illi dawn l-Aġenti Mħallfin **ġie assenjat lilhom** id-dmir li joqogħdu fil-Qorti ta' l-Appell, mas-Sinjurija Tiegħu l-Prim Imħallef biex jieħdu konjizzjoni ta' appelli mill-Qrati Superjuri Ċivili u Kummerċjali **li ġew ippreżentati bejn Jannar u Ottubru tas-sena 1991**;

Ir-rikorrent – u varement anke l-partijiet l-oħra, apparti l-intimat Onorevoli Prim Ministru – qed jattakkaw il-kostituzzjonalità ta' din il-Qorti ta' l-Appell, kif komposta, taħt diversi aspetti;

Jikkontendu:

A. Li n-nomina ta' l-Imħallfin Aġenti mhix skond il-Liġi billi ma jokkorrux l-estremi ta' l-artikolu 98(2) tal-Kostituzzjoni li in forza tiegħu huma ġew maħtura;

B. Li l-ħatra tagħhom tivvjola d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 subinċiż (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

Ċ. *Li n-nomina u l-Kostituzzjoni ta' din it-tieni Qorti ta'* l-Appell – minnhom appellata temporanja – tivvjola wkoll il-Kostituzzjoni u l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jikkontemplaw biss l-eżistenza ta' Qorti ta' Appell wieħed;

Qabel tgħaddi għall-konsiderazzjoni tal-mertu tar-rikors u tal-kweżiti kostituzzjonali li trid tirrisolvi, fl-ordni fuq indikat, il-Qorti tħossha fid-dover tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

a. Ir-rikorrent qed jikkontesta l-validità tal-ħatra ta' Aġenti Mħallfin fiċ-ċirkkostanzi fuq deskritti imma bl-ebda mod ma qed ipoġġi fid-dubju l-integrità u l-kapaċità tal-membri distinti tal-professjoni legali li ġew elevati għall-kariga għolja tal-Ġudikatura. Ġew espressi in fatti fir-rigward tagħhom sentimenti ta' rispett;

b. Lanqas qed titpoġġa fid-dubju l-intenzjoni retta tal-Gvern fit-twaqqif ta' din it-tieni Qorti ta' l-Appell, li tirriżulta motivata biss minn sforz ġenwin biex jiġi mħaffef il-proċess ġudizzjarju u mtejba l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. Għan dan mhux biss lodevoli fih innifsu, imma wkoll itendi biex aktar jissodisfa d-dritt fundamentali taċ-ċittadin għal smigħ xieraq **għeluq żmien raġonevoli** – dritt ukoll sanċit bil-Kostituzzjoni anke fir-rigward "ta' drittijiet u obbligi ċivili";

ċ. Ir-rikors, li jikkontesta effettivament id-deċiżjoni tal-Gvern li jaħtar din il-Qorti, jirriżulta ispirat mix-xewqa tal-

partijiet fil-kawża pendenti fl-Appell li ma jsir xejn li ma jkunx skond il-Kostituzzjoni li ma jiġix ikkrejat preċedent, fil-fehma tagħhom perikoluż, li jkun potenzjalment leżiv tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadin għall-proċess xieraq minn Tribunal imparzjali u indipendenti. Infatti, ma hux qed jiġi allegat illi theddida simili attwalment teżisti għad-drittijiet fundamentali tagħhom;

Dan, għall-Qorti, hu sinjal ta' maturità u konoxxenza tal-ħtieġa, li d-drittijiet fundamentali għandhom jiġu kkoltivati, salvagwardati u protetti **wkoll meta ma tkunx teżisti theddida attwali għalihom.** B'hekk biss tinħoloq il-kuxjenza meħtieġa li trid isservi ta' tarka għal meta jinqala' l-bżonn ta' difiża kontra l-arroganza tal-poter. Sinjal ta' żminijiet aħjar. Mhux dejjem kien hekk;

Kif tqis ukoll sinjal posittiv ta' fiduċja ta' l-Eżekuttiv fl-indipendenza u l-imparzjalità tal-Ġudikatura li l-intimat Onorevoli Prim Ministru għoġbu "jirrinunzja għal kull eċċezzjoni ta' rekuża kompetenti lilu minħabba xi pronunzjament li seta' sar in materja mill-Imħallef Sedenti";

Hu wkoll posittiv li l-Qorti llum tinsab fis-sitwazzjoni feliċi li tista' tiġġudika serenament u f'libertà sħiħa kawża ta' din ix-xorta mingħajr biża' jew theddid ta' xi rejazzjoni pseudo popolari manovrata jew inġerenza debita mill-Eżekuttiv. Dan ukoll mhux dejjem kien hekk;

Il-Qorti tawgura li, ikun xi jkun l-eżitu finali ta' dawn il-proċeduri, huma jgħinu biex ikabbru s-sensibilità tal-forzi soċjali għall-ħtieġa li, fil-protezzjoni tal-libertajiet fundamentali tal-

bniedem, u tal-valuri veri tal-Kostituzzjoni, hemm lok biss ta' unità ta' propositu fl-avvanz tal-proċess demokratiku u mhux ta' strumentalizzazzjoni partiġġana. Dan fl-interess tal-ġd komuni;

Il-Qorti tgħaddi issa biex teżamina l-lanjanzi tar-rikorrenti fl-ordni fuq indikat;

A. Ir-rikorrent jikkontendi li "n-nomina ta' l-Imħallfin Aġenti mhux skond il-liġi billi skond il-Kostituzzjoni (artikolu 98(2) ) Aġenti Mħallfin jistgħu jiġu nnominati biss jekk il-kariga ta' xi Mħallef tal-Qorti Superjuri tkun vakanti, mentri fil-fatt ma teżisti ebda vakanza bħal din u għalhekk il-Qorti ta' l-Appell kif kostitwita mhix Qorti mwaqqfa b'Liġi";

L-intimat Onorevoli Prim Ministru hekk jirribatti:

"Fil-fatt id-deċiżjoni tal-Gvern li fil-Qorti ta' l-Appell għandhom joqogħdu żewġ Imħallfin oħra, u dan barra ż-żewġ Imħallfin li ordinarjament joqogħdu mal-Prim Imħallef (bħal f'deċiżjonijiet preċedenti biex iżżid in-numru ta' Imħallfin sedenti fil-Prim'Awla u fil-Qorti tal-Kummerċ), impurtat **fiha infisha** deċiżjoni li jiżdied in-numru tal-karigi ta' l-Imħallfin (li ma hux, għalkemm jista' jiġi stabbilit u mibdul b'liġi ordinarja), u billi ma kienx jeżisti dak in-numru hekk miżjud ta' Mħallfin, **ġew krejati l-vakanzi** li ġew mimlija bil-ħatra ta' l-Aġenti Mħallfin in kwistjoni";

Żewġ posizzjonijiet għa kollox kontrastanti u rrikonċiljabbli li neċessarjament jimportaw il-ħtieġa ta' interpretazzjoni ċara u ġusta ta' l-artikolu 98(2) tal-Kostituzzjoni. F'dan l-eżerċizzju

l-Qorti tħoss li għandha tiġi ggwidata anke b'dawn ir-regoli ta' interepretazzjoni fost ħafna espressi tant inċisivament fil-ktieb "*Constitutional Constructions*" ta' *Chester James Antieau (1982)*:

1. L-artikoli kostituzzjonali għandhom jinqraw flimkien ma' u jiġu interpretati fl-isfond ta' l-artikoli l-oħra ta' l-istess Kostituzzjoni;

*"I take it to be an elementary rule of Constitutional Construction that no one provision of the Constitution is to be segregated from all others and to be considered alone;* ***but all the provisions bearing upon a particular subject are to be brought into view and to be so interpreted as to effectuate the great purpose of the insturment"*** (*Justice White* tal-Qorti Suprema ta' l-Istati Uniti, 1904);

ii. Il-kliem għandu jingħata s-sens ordinarju, naturali tiegħu;

*"The word is to be taken in the ordinary, natural common sense, popular meaning, unless the contect requires that it should be treated as used in a technical sense ... The meaning to be given to such instruments is that meaning* ***which the man of ordinary prudence and average intelligence and information would give"*** *(Epping vs City of Colombus, 1903);*

iii. Waqt li l-klawsoli maħsuba biex jipproteġu d-drittijiet fundamentali għandhom jiġu mogħtija speċjalment kostruzzjoni liberali – *"The provisions for the protection of life, liberty and property are to* ***be largely and liberally construed in favour***

***of the citizen"**, l-eċċezzjonijiet fil-Kostituzzjoni għandhom jiġu* interpretati, **ristrettivament;**

Il-Qorti tifhem illi waqt li għandu jkun l-ispirtu tal-Kostituzzjoni li jiggwidaha, u li m'għandhiex tkun influwenzata b'interpretazzjonijiet ristrettivi legalistiċi żżejjed, jibqa' veru wkoll li l-Kostituzzjoni hi att leġislattiv u l-Imħallef jibqa' marbut bid-diċitura ta' l-artikoli singoli u b'dak li l-Leġislatur ried ifisser biha. Hi konxja wkoll tal-fatt li fil-Kostituzzjoni – tajjeb jew ħażin – hemm ċerti provvedimenti li jidhru li tħallew intenzjonatament vagi u inċerti bil-ħseib li jagħtu lill-Eżekuttiv ċerta libertà ta' azzjoni f'sitwazzjonijiet forsi mhux għal kollox konformi **ma' l-ispirtu** ta' l-istess kostituzzjoni. Dawn il-lacunae kienu okkażjoni fil-passat ta' deċiżjonijiet diskutibbli. Il-Qorti naturalment ma tistax tinjora l-eżistenza ta' dawn l-artikoli jew tinterpreta l-Kostituzzjoni qisu dawn ma jeżistux, għax dan ikun imur kontra l-volontà tal-leġislatur. Għandha però tinterpretahom restrittivament u, kemm jista' jkun, b'mod konformi ma' l-ispirtu tal-Kostituzzjoni. Dan qed jingħad għax jidher rilevanti għall-interpretazzjoni ta' l-artikolu 98(2);

Hu paċifiku illi l-Kostituzzjoni hi bbażata fuq it-tliet pilastri fundamentali ta' l-Ordinament ta' soċjetà demokratika li huma l-Leġislattiv, l-Eżekuttiv u l-Ġudizzjarju. Hi hekk konstruwita anke materjalment, bħala qafas. L-ispirtu gwida kif hu risaput, hu dak ta' separazzjoni bejn dawn il-poteri u tal-bilanċ bejniethom. Il-Kostituzzjoni tqis bħala sagrosanta u tissalvagwardja l-indipendenza tal-Ġudikatura mill-inġerenza żejda tal-poteri l-oħra. L-artikolu 95(1) jipprovdi li għandu jkun hemm f'Malta, u għal Malta, dawk il-**Qrati Superjuri** li jkollhom dawk is-setgħat u ġurisdizzjoni **"kif ikun provdut b'xi liġi,**

li għal dak iż-żmien tkun isseħħ f'Malta". Il-Kostituzzjoni ma tiddeterminax għalhekk liema għandhom ikunu l-Qrati f'Malta jew x'għandha tkun il-komposizzjoni tagħhom, bl-eċċezzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali. Tesiġi però li dawn, għandu jkunu provdut għalihom **b'liġi;**

Hu għalhekk neċessarjament **att leġislattiv** li jissanzjona u jikkonvalida l-eżistenza tal-Qrati Superjuri. Għalkemm hu l-Eżekuttiv li jippromwovi l-att leġislattiv skond il-ħtieġijiet li hu jiddeċidi li għandhom jiġu sodisfatti – u dan hu jedd li ħadd ma jista' u ma hu jikkontestalu – hu l-Parlament, b'att leġislattiv, li għandu d-dritt japprova t-twaqqif tal-Qorti Superjuri fit-termini ta' dan l-artikolu. Dan hu konformi anki ma' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja li jesiġi illi *"In the determination of his civil rights and obligations ... everyone is entitled to a fair and public hearing ... by an indipendent and impartial tribunal* ***established by law"*;**

Dan hu prinċipju bażilari għas-sistema demokratiku li l-ordinament ġuridiku ma għandux ikun dipendenti fuq il-volontà ta' l-Eżekuttiv imma fuq l-espressjoni tar-rappreżentanti tal-poplu, fatt leġislattiv. *"The provision that the tribunal must be established by Law implies the guarantee that the organisation of the Judicature in a democratic society is not left to the discretion of the Executive, but forms the subject of a legal regulation by Parliament" (Theory and Practise of the European Convention on Human Rights – P. Van Dijk, G.J.H. Hoof):*

Jidher li l-Kostituzzjoni kienet ferm konxja ta' dan il-prinċipju u li dan kien fil-fatt l-ispirtu li ggwida l-leġislatur fil-formulazzjoni tal-Kapitolu VIII Dwar il-Ġudizzjarju;

Stabbilit dan, irid neċessarjament jiġi interpretat **fl-istess spirtu** s-subinċiż 6 ta' l-istess artikolu 95 li jgħid:

"L-Imħallfin tal-Qrati Superjuri għandhom ikunu Prim Imħallef, u dak in-numru ta' Mħallfin oħra: **kif jista' jkun preskritt b'xi liġi li għal dak iż-żmien tkun isseħħ f'Malta**";

Mhux biss l-ispirtu hu l-istess, imma d-diċitura tas-subinċiż ma tħalli l-ebda dubju fuq il-volontà tal-leġislatur. Hu ċar għall-Qorti illi l-Kostituzzjoni riedet li l-Qrati Superjuri mhux biss ikun ipprovdut għalihom b'liġi imma wkoll **li n-numru ta' Mħallfin** li jikkomponuhom, għandu jkun ukoll stabbilit u pprovdut b'**xi** liġi u ma jkunx u ma jitħalliex fid-diskrezzjoni ta' l-Eżekuttiv. Dan is-subinċiż – ukoll intiż bħala protezzjoni għall-indipendenza tal-Ġudikatura – ma jistax jingħata interpretazzjoni oħra u l-Qorti ma tifhimx is-sottomissjoni ta' l-Avukat Ġenerali illi n-numru **tal-karigi** ta' l-Imħallfin "ma hux għalkemm **jista'** jiġi stabbilit u mibdul b'liġi ordinarja";

Il-Kostituzzjoni ma għandhiex tiġi interpretata b'mod li l-artikolu jiġi reż żejjed jew superfluwu u s-sens tiegħu stultifikat. Hu ovvju li l-Kostituzzjoni trid li n-numru ta' Imħallfin ikun preskritt b'liġi u li dan in-numru jista' b'dak il-mod, jinbidel minn żmien għal żmien. Il-kelma "jista' " – "*may*" fit-*text* ingliż – jirreferi **għan-numru** li bl-att leġislattiv jista' jiġi varjat. Ma jagħtix xi diskrezzjoni lill-Eżekuttiv li jiffissa arbitrarjament in-numru ta' l-Imħallfin. Kieku kellha tingħata interpretazzjoni oħra, dan jista' jwassal biex l-Eżekuttiv fit-teorija, jista' jabolixxi l-Imħallfin kollha sempliċement billi ma jirrimpjazzax dawk li jispiċċaw *"by natural wastage"*;

Il-kelma "jista' " fil-kuntest użat f'dan is-subinċiż għandha l-istess tifsira bħal dak użat f'artikoli oħra fl-istess Kostituzzjoni fosthom fl-artikolu 107(1) li jirriferixxi għal renumerazzjoni dovuta lil ċerti karigi fosthom l-Imħallfin. Dan jgħid "għandu jiġi mħallas lid-detenturi tal-karigi ... dawk is-salarji li **jistgħu** jkunu preskritti bi jew skond xi liġi". Ma hemmx dubju u ħadd ma jikkontesta li s-salarji ta' l-Imħallfin għandhom ikunu stabbiliti b'liġi li tawtorizza n-nefqa tagħhom mill-Gvern. Il-Kummissjoni Ewropeja ddeċidiet ukoll illi *"This does not mean that delegated legislation is as such unacceptable in matters concerning the judicial organisation. EHR 6(1) does not require the legislature **to regulate each and every detail in this field** by formal Act of Parliament, provided that it establishes at least the organisational framework for the judicial organisation" (Sieghart ibid. page 22.4.5.).* F'dan il-kontest il-Kostituzzjoni tagħna filwaqt li tesiġi li l-Qrati Superjuri u n-numru ta' l-Imħallfin jiġi stabbilit b'xi liġi, dehrilha li ma kellhiex tmur oltre u kellha tħalli l-attitudni f'idejn l-Eżekuttiv, il-kumplament ta' l-ordinament tas-sistema ġuridiku. Tant hu hekk li ma hemx provvediment analogu għad-determinazzjoni b'liġi tan-numru ta' Maġistrati li l-artikolu 100(1) jgħid sempliċement li "għandhom jiġu maħtura mill-President li jaġixxi skond il-parir tal-Prim Ministru". Anke dan, fil-fehma tal-Qorti jikkonvalida l-interpretazzjoni ġusta li qed tingħata lill-artikolu 95(6);

L-interpretazzjoni ġusta ta' dan is-subinċiż 6 hi ta' l-akbar rilevanza għall-interpretazzjoni ta' l-artikolu 98(2). Il-Qorti taċċetta bħala valida s-sottomissjoni tar-rikorrent illi n-numru ta' Imħallfin tal-Qrati Superjuri għandu jkun preskritt *b'liġi* u wkoll is-sottomissjoni ulterjuri li n-numru tagħhom **illum** hu dak li jirriżulta mill-*"Appropriation Act, 1992"*, li japprova l-estimi

ġenerali għas-sema finanzjarja korrenti. Mhux diskuss hawn jekk dan l-*"Appropriation Act"* jissodisfax kompletament ir-rekwiżiti ta' dan is-subinċiż jew jekk dan hux l-aħjar strument leġislattiv biex jirrifletti l-volontà tal-Kostituzzjoni. Hu però ċertament att leġislattiv li jistabbilixxi n-numru ta' Mħallfin li għalihom ġew votati u approvati salarji determinati;

Kien naturali u loġiku li l-Kostituzzjoni, wara li stabbilit li l-Qrati Superjuri jkunu stabbiliti b'liġi kif ukoll ikun hekk stabbilit in-numru ta' Mħallfin li joqogħdu fihom, tipprovdi għal **każijiet eċċezzjonali** fejn il-karigi ta' l-Imħallfin ikunu għal xi raġuni jew oħra, vakanti, u tipprovdi l-mod, kif dawn il-vakanzi, jistgħu jimtlew, biex jiġi assigurat il-funzjonament kontinwat tal-Qrati b'mod li ma tkunx intralċjata bla bżonn l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja. Fid-dawl ta' dak li ġie fuq espost, id-diċitura tas-subinċiż 2 ta' l-artikolu 98 tirriżulta li hi allura waħda loġika, ċara u ma tħalli l-ebda lok għal dubju jew ħtieġa ta' interpretazzjoni fil-moħħ tal-qarrej ordinarju;

"Jekk **il-kariga** ta' xi Mħallef tal-Qrati Superjuri (li ma jkunx il-Prim Imħallef) **tkun vakanti,** jew **xi** Mħallef bħal dak ikun maħtur biex jaġixxi ta' Prim Imħallef, jew jekk ikun għal xi raġuni inkapaċi li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, il-President, li jaġixxi skond il-parir tal-Prim Ministru, jista' jaħtar persuna kwalifikata **biex taġixxi** bħala Mħallef ta' dawk il-Qrati";

Għall-Qorti l-interpretazzjoni ġusta li għandha tingħata lil dan is-subinċiż, hi, illi l-leġislatur irid jipprovdi **għall-mili ta' karigi ta' Mħallfin li jkunu jew kienu jokkupaw dawn il-karigi.** Jingħata riljev lill-kelma "xi" f'dan is-subinċiż, li hi

*inkluża bil-ħsieb speċifiku li tikkwalifika l-kelma "Mħallef" bħala* wieħed jew aktar mill-Imħallfin li ssemmew fl-artikoli preċedenti, u allura torbot dan is-subinċiż magħhom u tfisser li l-kariga li s-subinċiż qed jipprovdi għall-mili tagħha f'każ li ssir vakanti, hi proprju dik ta' vakanza minn wieħed mill-Imħallfin li jkun ġie pprovdut għalih b'xi liġi a tenur ta' l-artikolu 95(6);

Dan hu s-sens naturali u ordinarju tal-kliem użat mil-Leġislatur. Is-subinċiż qed jipprospetta l-każ fejn Mħallef sedenti jkun qed jaġixxi ta' Prim Imħallef, meta Mħallef sedenti jkun għal xi raġuni nkapaċi li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu. Kien *ovvju li jipprospetta* wkoll il-każ fejn il-kariga ta' xi Mħallef issir vakanti, tkun xi tkun ir-raġuni. Il-Leġislatur ma jitkellimx dwar meta "tinħoloq" xi vakanza ta' Mħallef, imma meta "il-kariga ta' xi Mħallef tkun vakanti". Altrimenti l-Qorti tkun qed tiġi mistiedna taċċetta interpretazzjoni li tista' twassal għal sitwazzjoni assurda imma mhux neċessarjament ta' fantaxjenza, fejn l-Eżekuttiv *ikollu* l-faċilità *li* jirriduċi *l-Imħallfin kollha tal-*Qrati Superjuri għal Aġenti Mħallfin. U jekk wieħed jikkontempla din il-prospettiva fid-dawl tal-**possibilità** alternattiva li Aġenti Mħallfin jistgħu jiġu nnominati għal żmien mhux speċifikat u allura jista' jkollhom il-ħatra tagħhom **imħassra** mill-President li jaġixxi skond il-parir tal-Prim Ministru, ikun verament ifisser it-tmiem ta' l-indipendenza tal-Ġudikatura;

Dan kollu qed jingħad mhux għax intefa' xi rifless negattiv fuq l-intenzjonijiet tajba tal-Gvern, jew għax il-Qorti għandha tkun *influwenzata b'dak li min irid jabbuża* mill-Kostituzzjoni jista', fit-teorija, jasal biex jagħmel. Qed jingħad għax il-Kostituzzjoni qiegħda hemm biex isservi ta' protezzjoni għal

żminijiet meta verament ikun hemm theddida għas-sistema demokratiku fil-pajjiż u għall-indipendenza tal-Qrati. Il-Qorti hi konxja tal-fatt li fil-passat ġew minn diversi amministrazzjonijiet maħtura Aġenti Mħallfin in forza ta' dan l-artikolu. Dan għax id-diċitura ta' dan is-subinċiż tqis mill-Eżekuttiv bħala waħda mill-lacunae li saret riferenza għalihom aktar 'il fuq, u li, fil-fehma tiegħu, kienet tippermettilu ċerta libertà ta' azzjoni fin-nomina ta' Aġenti Mħallfin. Hi però din l-ewwel okkażjoni li l-Qorti qed tiġi mitluba tagħti interpretazzjoni awtorevoli ta' l-artikolu in eżami. Hi konxja għalhekk tal-fatt li interpretazzjoni skorretta jew laxka tikkreja preċedent perikoluż, li jista' jagħti lok għal abbuż gravi;

Il-Qorti hi konvinta li s-sottomissjoni ta' l-intimat l-Onorevoli Prim Ministru f'dan ir-rigward, la hi konformi ma' l-ittra u wisq anqas ma' l-ispirtu tal-Kostituzzjoni. Tikkonferma illi l-interpretazzjoni minnha mogħtija tirrispekkja l-prinċipju li:

*''the rule is, in substance, that no Court should so construe a clause or section of a Constitution as to impede or defeat it's generally understood and when another construction thereof, equally concordant with the words and sense of that clause or section, will guard and enforce those ends'' (Michigan Farm Bureau vs Hare, 1967);*

Il-Qorti għalhekk issib illi l-ħatra taż-żewġ Aġenti Mħallfin mhix konformi ma' l-artikolu 98(2) tal-Kostituzzjoni, in kwantu ma kinux jeżistu vakanzi skond il-liġi li fihom setgħu jiġu maħtura;

B. Ir-rikorrent qed jilmenta ukoll illi l-ħatra ta' l-Aġenti

Mħallfin tivvjola d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 subinċiż (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Hu jikkontendi illi "minħabba n-natura, il-mod u l-kondizzjonijiet ta' kif saret din in-nomina, mhux ser jiġi ġġudikat minn Qorti indipendenti u imparzjali kif trid il-Kostituzzjoni". Hu jsostni li ż-żewġ Aġenti Mħallfin ma jgawdux l-istess protezzjoni sħiħa li jgawdu l-Imħallfin regolari, fosthom li ma għandhomx is-"*security of tenure*", u li għalhekk nieqsa l-garanzija kostituzzjonali li tissalvagwardja l-imparzjalità tagħhom. Diġà ġie aċċennat aktar 'il fuq li la r-rikorrent u lanqas il-partijiet l-oħra fil-kawża, li l-appell tagħhom ġie appuntat biex jinstema' quddiem il-Qorti ta' l-Appell, b'dan ir-rikors kontestata, ma huma jallegaw, lanqas remotament, li ż-żewġ Aġenti Mħallfin, urew b'xi mod fil-konfront tagħhom xi nuqqas ta' imparzjalità jew xi parzjalità versu l-amministrazzjoni li rrakkommandat il-ħatra tagħhom, kif lanqas ma allegaw li hemm xi theddida jew perikolu li dan javvera ruħu. Għal kuntrarju huma esprimew fiduċja fihom;

Qegħdin għalhekk jikkontestaw in-nuqqas ta' indipendenza u imparzjalità fil-prinċipju minħabba ċ-ċirkostanzi u l-modalitajiet tal-ħatra tagħhom. Jiġi nnotat bħala fatt:

i. li l-ħatra ta' l-Aġenti Mħallfin hi għal żmien **determinat** ta' ħdax-il xahar mit-2 ta' Settembru, 1992;

ii. li l-Gvern iddikjara li taħt l-ebda ċirkostanza ma kien ser iġġedded dan it-terminu;

iii. li l-ħatra tagħhom saret meħtieġa wara deċiżjoni tal-Gvern illi jikkostitwixxi Qorti ta' Appell oħra, u fil-fatt ġew

assenjati d-dover li jiehdu konjizzjoni ta' *l-Appelli mill-Qrati* Superjuri Ċivili u Kummerċjali **li ġew ippreżentati bejn Jannar u Ottubru, 1991;**

Ir-rekwiżit ta' "indipendenza" tal-Qorti, kwalità li tista' tiġi oġġettivament apprezzata, hekk ġie kummentat minn Paul Sieghart fit-trattat tiegħu "*The International Law of Human Rights*" *(22.4.5.)*:

*"The term indipendent comprises two elements, namely, the tribunals' independence from the Executive and their independence from the parties. In 'Sutton vs Switzerland', EUCM observed that a Judge's independence does not necessarily entail that he should be appointed for life, or that he should be irremovable in law; that is that he cannot be given other duties without his consent. But it is essential that he should enjoy a certain stability, if only for a specific period, and that he should not be subject to any authority in the performance of his duties as a Judge. In 'Zand vs Austria' however, the Commission emphasised that the irrimovability of Judges during their term of office, whether it be for a limited period of time or for life, is a necessary corollary of their independence and is thus included in the guarantees of EHR 6(1)";*

*P. Van Dijk and G. Van Hoof* fit-trattat tagħhom fuq ikkwotat, jikkummentaw: –

*"For their independence it is* ***not*** *required that Judges have been appointed for life, provided that they cannot be discharged at will or on improper grounds by the authorities. The party concerned will, however, have to be free to prove that with a*

*view to his re-appointment, a judge was guided by other considerations than his personal opinion";*

Din l-aħħar konsiderazzjoni, u ċjoè l-element tat-tiġdid tat-termini tal-ħatra ma japplikax għall-każ in eżami in vista tad-dikjarazzjoni espressa li t-terminu tal-ħatra ta' l-Aġenti Mħallfin ma kienx ser jiġġedded;

Fir-rigward tal-garanzija Kostituzzjonali tas-salarju avvanzat mir-rikorrent, waqt li hu fatt li tali garanzija tirriżulta espressa fil-Kostituzzjoni kemm fir-rigward ta' l-Imħallfin, kif ukoll fir-rigward tal-Maġistrati, ma jirriżultax li din hi kkonsiderata bħala garanzija meħtieġa, għall-indipendenza tat-Tribunal jew Qorti kif espressa fil-ġurisprudenza li tikkummenta l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Jidher li tali garanzija waqt li meqjusa bħala rekwiżit desiderabbli, ma jirriżultax li hu neċessarju *sine qua non.* Il-kommentaturi, in fatti, jagħmlu enfasi fuq l-irremovabilità tal-Ġudikant u, għall-bqija, jippreferu li jillimitaw ruħhom biex jenunzjaw il-prinċipju f'termini ġeneriċi;

*"For the independence of the Court, it is required that it can base its decisions* ***on its own free opinion about facts and legal grounds,*** *without any commitment to the parties and the public authorities and without its decision admitting of being changed by any other but an authority that is independent in the same sense" (Ringeisen Case, July 16, 1971);*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. Ma hemmx dubju li l-ħatra ta' l-Aġenti Mħallfin

tissodisfa r-rekwiżit tas-"*Security of Tenure*". Hi għal żmien determinat – anke jekk qasir – u l-Kostituzzjoni espressament tipprovdi illi l-persuna maħtura bħala Aġent Imħallef għal żmien determinat, għandha tkompli **hekk** taġixxi **għall-perijodu tal-ħatra tagħha**. Kien ikun diskutibbli jekk dan ir-rekwiżit ikunx sodisfatt kieku huma ġew innominati, għal perijodu mhux speċifikat, għax f'dan il-każ il-ħatra setgħet "tiġi mħassra mill-President li jaġixxi skond il-parir tal-Prim Ministru". Provvediment dan li jidher li jmur kontra l-prinċipju ta' l-irremovabilità tal-Ġudikant kif espressa mill-Konvenzjoni Ewropeja fl-interpretazzjoni li ngħatat lill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Ġurisprudenza li tagħmilha ċara li dan il-prinċipju għandu taħt kull ċirkostanza jiġi ċertament applikat fil-każijiet ta' Qorti ta' Reviżjoni, kif inhi l-Qorti ta' l-Appell;

2. Jirriżulta li l-Aġenti Mħallfin ġew mogħtija doveri li jieħdu konjizzjoni ta' l-**appelli kollha** li ġew ippreżentati bejn Jannar u Ottubru, 1991. Jiġi nnotat li dawn id-doveri ma humiex **inerenti man-nomina tagħhom**, imma ġew lilhom assenjati **wara** bl-avviż legali numru 624 mill-President ta' Malta, bis-saħħa tas-setgħat lilu mogħtija bl-artikolu 11 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Hu ċar għalhekk li dan ma jistax jitqies bħala element li jimpinġi fuq l-indipendenza tagħhom. Ma ġie allegat l-ebda motiv ulterjuri fl-assenjazzjoni tas-smigħ ta' dawn il-kawżi, u ma hemm xejn x'jindika illi n-nomina saret bil-ħsieb li huma jisimgħu xi kawżi "partikolari" fis-sens ta' magħżula minn oħrajn għal xi skop ulterjuri. Għandhom fil-fatt jisimgħu l-kawżi **kollha** li tagħhom sar appell fil-perijodu in kwistjoni. Assenjazzjoni ta' doveri f'dawn it-termini setgħet fil-fatt ingħatat lill-Imħallfin regolari. Naturalment teżisti dejjem il-possibilità ta' abbuż ta' poter f'dan

ir-rigward u inċidenti fil-passat ma naqsux. Però kull każ għandu jitqies fuq il-merti tiegħu;

3. Hu diskuttibbli jekk is-salarju ta' l-Aġenti Mħallfin hux garantit fil-Kostituzzjoni, bl-istess mod li hu garantit is-salarju ta' Mħallef u Maġistrat. Hu fatt illi s-subinċiż 4 ta' l-artikolu 107 tal-Kostituzzjoni ma jinkludix l-artikolu 98, u verament ma jinkludi l-ebda ħatra ta' Aġent tal-karigi kollha li s-salarju tagħhom hu garantit b'dak l-artikolu. Jista' jiġi avvanzat l-argument illi sakemm l-aġent ikun qed jiffunzjona fil-vesti tal-persuna li minnflokha jkun qed jaġixxi, allura hu għandu jgawdi l-istess poteri u privileġġi. Dan hu argument li jimmerita konsiderazzjoni, però l-Qorti ma jidhrilhiex li dan hu punt li hu meħtieġ li jiġi determinat f'din il-kawża. Anke in konsiderazzjoni ta' dak li ntqal aktar 'il fuq illi l-garanzija tas-salarju mhix universalment ikkonsiderata bħala garanzija *sine qua non* ta' l-indipendenza tal-Ġudikatura;

Il-Qorti hi sodisfatta illi l-Aġenti Mħallfin fil-paramentri tal-ħatra tagħhom huma għal kollox liberi li jaġixxu u jiġġudikaw mingħajr inġerenza jew influwenza indebita minn ħaddieħor. L-element soġġettiv ta' l-imparzjalità jrid jiġi sodisfatt fit-trattazzjoni ta' kull kawża individwali, u l-parzjalità tal-Ġudikant trid tiġi obbjettata minn xi parti fil-kawża in kwantu pprovokata mill-aġir inaċċettabbli tal-ġudikant. Ma tistax tiġi ddikjarata a priori;

*"The Commission and the Court will only be able to decide that there has been partiality,* ***if this is quite evident from the attitude of the Judge during the trial or from the content of the verdict"****;*

"F'dan is-sens iddeċidiet ukoll din il-Qorti kif presjeduta, fir-rikors Kostituzzjonali "Carmelo Mifsud *vs* Onorevoli Prim Ministru *et*" deċiż fil-5 ta' Ottubru, 1992;

Ir-rekwiżit ta' l-imparzjalità għandu jkun, skond id-dottrina, *kemm fil-konfront tal-partijiet fil-kawża, kif ukoll fil-konfront* ta' l-amministrazzjoni. Il-parzjalità favur jew kontra xi parti in kawża, għandha tiġi minnhom sollevata fil-kors tal-proċeduri u infatti l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi fil-Kapitolu dwar ir-Rekuża ta' l-Imħallfin, rimedju għal ħafna każijiet potenzjali ta' parzjalità lejn il-kontendenti. Fir-rigward ta' parzjalità favur jew kontra l-Amministrazzjoni, din tippreżenta forom ferm aktar sottili. Il-biża', ir-rispett uman, l-ambizzjoni għall-unuri u għall-avvanz professjonali, il-prospett ta' vantaġġ finanzjarju jew vantaġġi oħra anqas apparenti, apparti s-salarju, il-preġudizzju politiku, soċjali jew xort'oħra, huma kollha eżempji ta' fatturi estraneji għall-kariga ta' Mħallef li jistgħu jinfluwenzaw fuq l-imparzjalità tiegħu. Mhux esklużi li fil-passat ittieħed vantaġġ proprju minn dawn id-debbolezzi umani biex jiġi ottenut il-ġudizzju mixtieq u biex saru inġustizzji f'isem il-ġustizzja;

Hu għalhekk li r-rekwiżit *ta' l-imparzjalità* għandu jitqies li hu soġġettiv għall-persuna tal-ġudikant u għandu jiġi evalwat fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun qed jiddeċidi. Ċirkostanzi negattivi dawn li fil-każ in eżami, hu paċifiku li ma jikkonkorrux;

Il-Qorti ssib għalhekk li l-ħatra ta' l-Aġenti Mħallfin ma tista' tiġi kkonsidrata li tivvjola d-disposizzjonijiet tas-subinċiż 2 ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tas-subinċiż 1 tal-

Konvenzjoni Ewropeja. Dan in kwantu jidher li r-rekwiżiti **bażiċi minimi** rikjesti biex jassiguraw l-indipendenza tagħhom ġew osservati u ma sar l-ebda rifless fuq l-imparzjalità tagħhom;

Hu però xieraq f'dan ir-rigward li jiġi nnotat x'għandu jkun fil-fehma tal-Qorti, l-ottimu f'dan ir-rigward li għalih kull min hu b'xi mod involut fl-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għandu jaspira;

*"The Supreme Court of Ceylon has said that the independence of Judges under the Constitution requires that they should be appointed by the Head of State on the advice of an independent Judicial Services Commission; that they should hold office during good behaviour, that is, they should not be removed except upon proof of gross misconduct, that their salaries should be provided and paid by Parliament and that their transfer and disciplinary control should be exercised eclusively by the Judicial Services Commission"*;

Ċ. Ir-rikorrent qed jilmenta finalment illi l-Kostituzzjoni tat-tieni Qorti ta' l-Appell (temporanja) hija in vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li kkontemplaw biss l-eżistenza ta' Qorti ta' l-Appell waħda u inoltre ma jikkontemplawx l-eżistenza ta' Qorti ta' Appell temporanja. Dan l-ilment fil-fehma tal-Qorti mhux sostenibbli;

Fl-ewwel lok mhux korrett li jingħad li b'dawn in-nomini twaqqfet xi Qorti ta' l-Appell temporanja. Il-Qorti ta' l-Appell baqgħet dik kontemplata fl-artikolu 41 tal-Kap. 12. Il-fatt li hi kostitwita minn Imħallfin Aġenti – tempranji, hu għal kollox inċidentali u ma hemm xejn x'josta li tkun komposta minn

Imħallfin "regolari";

Kif fuq aċċennat il-Kostituzzjoni fl-artikolu 95 ma tispeċifikax liema u kemm għandhom ikunu l-Qrati f'Malta. Tħalli li dawn, bħan-numru ta' l-Imħallfin ikunu determinati b'xi liġi fis-seħħ minn żmien għal żmien;

Tirrikonoxxi bħala fatt però l-eżistenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u li "**waħda** mill-Qrati Superjuri, magħmula minn **tlieta** mill-Imħallfin li jkunu jistgħu, skond xi liġi li għal dak iż-żmien tkun isseħħ f'Malta joqogħdu **fil-Qorti ta' l-Appell,** għandha tkun magħrufa bħala l-Qorti Kostituzzjonali". Din id-diċitura donnha ma teskludix li jista' jkun hemm aktar minn Qorti waħda komposta minn tliet Imħallfin jew li aktar minn waħda mill-Qrati b'din il-komposizzjoni, jistgħu jiffunzjonaw bħala Qorti ta' l-Appell. Żgur li l-Kostituzzjoni ma timponix il-konġelament ta' l-ordinament ġudizzjarju kif kien meta ġiet promulgata. Għall-kuntrarju, tħalli *mano libera* assoluta f'idejn il-leġislattiv li jikkreja l-organi ġudizzjarji li jidhirlu meħtieġa skond iċ-ċirkostanzi fil-pajjiż. Leġislazzjoni li naturalment tkun ispirata u avvanzata mill-Eżekuttiv. Dan ukoll hu in sintonia mal-ħsieb wara li l-Konvenzjoni Ewropeja;

Il-Kap. 12 fit-titolu II "Fuq il-Qrati Superjuri" jelenka liema huma l-Qrati stabbiliti fil-pajjiż. Il-Qorti ma ssibx valida s-sottomissjoni li saritilha, li hemm distinzjoni bejn il-Qorti ta' l-Appell u l-Qrati l-oħra, fis-sens illi, waqt li hu permess li jkun hemm aktar minn Prim'Awla waħda, jew Qorti tal-Kummerċ waħda, mhux hekk permess fil-każ tal-Qorti ta' l-Appell. Id-diċitura fir-rigward tal-Qrati l-oħra, hi infatti fis-singolar kif inhi fil-każ tal-Qorti ta' l-Appell, u hi wkoll fis-sens li kull Qorti

għandha tieħu konjizzjoni tal-**kawżi kollha** ta' ġurisdizzjoni tagħha. Hekk per eżempju, l-artikolu 32(1) jgħid: – "Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili joqgħod wieħed mill-Imħallfin u minnha jiġu maqtugħha l-**kawżi kollha** ta' natura ċivili, eċċ". L-istess diċitura tintuża fl-artikolu 36 għall-Qorti Kummerċjali. L-artikolu 41(1) jipprovdi **similment** li "l-Qorti ta' l-Appell hija magħmula mill-President u żewġ Imħallfin, u hija tisma' u tiddeċidi l-**appelli kollha** ...";

Il-Qorti ma ssibx li din id-diċitura **teskludi** l-possibilità li jkunu kostitwiti aktar minn Qorti ta' Appell waħda, sakemm il-President ta' kull waħda jkun il-President tal-Qrati. L-oġġezzjoni li dan jista' ipotetikament iwassal għal deċiżjonijiet diverġenti f'materja ta' interpretazzjoni ta' liġi, u konsegwentement għall-inċertezza fi stat ta' dritt hija valida. Timmerita studju bil-ħsieb li jinstab il-mod kif tiġi assigurata uniformità u awtorevolezza fid-deċiżjonijiet. Ma għandhux però dan ikun ta' ostakolu insormontabbli għat-twaqqif ta' Qorti ta' Appell waħda, jekk l-amministrazzjoni hekk jidhirlha li hu xieraq u meħtieġ fl-interess tal-ġustizzja";

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Onorevoli Prim Ministru ppreżentat fl-14 ta' Ottubru, 1992 li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha fejn iddikjarat illi n-nomina ta' l-Aġenti Mħallfin fiha msemmija, u l-komposizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell bl-Avviż Legali (*recte* Avviż tal-Gvern) Numru 624 ta' l-1992 mhix konformi ma' l-artikolu 98(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u konsegwentement il-Qorti ta' l-Appell kif kostitwita mhix Qorti mwaqqfa skond il-liġi u l-Kostituzzjoni, u tikkonfermaha fil-kumplament tagħha bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrenti appellat;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-intimati Dr. Anthony H. Farrugia u Anthony Sammut ippreżentat fl-14 ta' Ottubru, 1992 li bih talbu li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza fuq imsemmija billi, prevju r-riġett ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-intimat Onorevoli Prim Ministru takkolji d-domandi tar-rikorrent u l-ammissjoni ta' l-esponent, billi tikkonferma t-tielet dikjarazzjoni tas-sentenza appellata u tirrevoka l-ewwel żewġ dikjarazzjonijiet ta' l-istess sentenza. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat Onorevoli Prim Ministru appellat;

Rat ir-rikors ta' l-appell tar-rikorrent Avukat Dottor Tonio Azzopardi ppreżentat ukoll fl-14 ta' Ottubru, 1992 li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu ddeċidiet li n-nomina ta' Aġenti Mħallfin u l-komposizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell kif stabbilita bl-Avviż Legali Numru 624 ta' l-1992 ma jilledux id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, u in kwantu ddeċidiet illi ma jilledux id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12), fir-rigward ta' l-eżistenza ta' Qorti ta' Appell waħda u ta' Qorti ta' Appell temporanja, u tikkonfermaha in kwantu ddikjarat li tali nomina mhix konformi ma' l-artikolu 98(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u konsegwentement il-Qorti ta' l-Appell kif kostitwita mhix Qorti mwaqqfa skond il-Liġi u l-Kostituzzjoni; u tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif magħmula fir-rikors promotorju;

Rat ir-risposta ta' l-intimati Dr. Farrugia u Anthony Sammut għall-appell ta' l-Onorevoli Prim Ministru li biha għar-raġunijiet espressi fl-appell prinċipali tagħhom issottomettew li l-appell ta' l-Onorevoli Prim Ministru huwa inġustifikat u

għandu jiġi miċħud;

Rat ir-risposta l-oħra ta' l-istess intimati għall-appell ta' Dr. Azzopardi li biha ddikjaraw li jaqblu ma' dak l-appell u talbu li s-sentenza appellata tiġi rriformata konformement;

Rat ir-risposta ta' Dr. Tonio Azzopardi għall-appell ta' l-Onorevoli Prim Ministru li biha ta r-raġunijiet tiegħu għala l-istess appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-istess appellant u għandu jiġi minflok akkolt l-appell tiegħu;

Rat ir-risposta ta' l-Onorevoli Prim Ministru għall-appell ta' Dr. Farrugia u Anthony Sammut li biha ssottometta li din il-Qorti għandha tirriġetta l-appell tagħhom u tilqa' fl-intier tagħhom l-eċċezzjonijiet miġjuba minnu quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti;

Rat ir-risposta l-oħra ta' l-Onorevoli Prim Ministru għall-appell ta' Dr. Azzopardi li biha ssottometta li din il-Qorti għandha tirriġetta l-appell tagħhom u tilqa' fl-intier tagħhom l-eċċezzjonijiet miġjuba minnu quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti;

Rat ir-risposta ulterjuri ta' l-Onorevoli Prim Ministru għall-appell ta' Dr. Farrugia u Anthony Sammut ippreżentat fid-19 ta' Ottubru, 1992 li biha eċċepixxa l-improponibilità ta' l-istess appell;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn hemm preġudizzjali konċernanti l-appell ta' Dr. Farrugia u ta' Anthony Sammut sollevata mill-Onorevoli Prim Ministru, li trid tiġi deċiża qabel, peress li hi ta' indoli proċedurali u ta' natura perentorja;

L-Onorevoli Prim Ministru permezz tar-risposta ulterjuri għall-appell ta' Dr. Farrugia u ta' Anthony Sammut, eċċepixa li l-appell tagħhom ma kienx proponibbli, u in kwantu tali, vessatorju, peress li l-istess appellanti aderew mat-talba tar-rikorrent u l-istess, għalhekk, dak li ġew ikkundannati għalih huma, kienu ammettewh, u dana skond kif jipprovdi l-artikolu 228 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

Is-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 228 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) jiddispondi illi:

"m'hemmx appell mis-sentenzi mogħtija fuq ammissjoni tat-talba jew minn sentenzi li l-parti taċċetta bir-rinunzja għall-appell jew billi toqgħod għal dak li tkun qatgħet is-sentenza";

M'hemmx dubju li kif sewwa ssottometta l-Onorevoli Prim Ministru, dan is-sub-artikolu japplika wkoll għal proċeduri bħal dawk preżenti, u dan anqas m'hu kontestat, u wara kollox jipprovdi għalih ukoll il-Liġi bl-Avviż Legali 49 ta' l-1964;

Is-sub-artikoli l-oħra ta' dan l-artikolu huma rrilevanti għall-kwistjoni;

It-teżi ta' l-Onorevoli Prim Ministru hija waħda sempliċi.

Infatti, huwa jsostni illi fit-termini tas-sub-artikolu msemmi, billi l-appellanti Dr. Farrugia u Sammut kienu fi prim'istanza ammettew it-talbiet tar-rikorrent, l-appell tagħhom huwa improponibbli, billi in kwantu s-sentenza appellata ċaħdet xi talbiet tar-rikorrenti, l-istess appellanti m'humiex sokkombenti u għalhekk ma jistgħux jappellaw, u fejn dik is-sentenza laqgħet xi talbiet tar-rikorrenti, huma ma jistax ikollhom dritt jappellaw billi kienu ammettew l-istess talbiet;

Illi jiġi rrilevat mill-ewwel li l-appellanti msemmija ma appellawx mill-parti tas-sentenza li ddeċidiet adeżivament għal xi talba tar-rikorrenti. Iżda bħar-rikorrenti stess, appellaw biss mill-parti fejn l-ewwel Onorabbli Qorti ma laqgħetx xi wħud mit-talbiet tar-rikorrenti;

Bħala tali, din il-Qorti ma tarax li l-artikolu 228(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) jista' japplika għall-każ, billi l-parti mis-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti li minnha qed jappellaw Dr. Farrugia u Sammut, jekk jista' jingħad kollox fuqha, ċertament ma jistax jingħad li ngħatat fuq ammissjoni da parti tagħhom tat-talba tar-rikorrent. Anzi hu ovvju li ngħatat **kontra** dik it-talba u **nonostante li kien hemm ammizzjoni da parti tagħhom.** Fil-fehma ta' din il-Qorti r-*ratio* tad-disposizzjoni tal-liġi li qed jinvoka l-eċċipjent huwa ovvju, u ċjoè, li l-Liġi m'għandhiex u ma tistax tikkontempla jew tikkondona aġir kontradittorju u l-kliem adoperat fl-istess sub-artikolu ma jħallix dubju fuq dan. Il-Liġi espressament tirreferi għal "sentenzi fuq ammissjoni" għar-raġuni ovvja: l-eċċezzjoni, bħall-azzjoni, għandha inerenti fiha l-element ta' l-interess ġuridiku. Jekk is-sentenza tingħata fuq l-ammissjoni, is-sentenza, l-ammissjoni u l-interess ġuridiku jikkonverġu u jkun

kontrasens li wieħed jitkellem fuq dritt ta' appell f'ċirkostanzi bħal dawk. Jekk, però, is-sentenza ma tingħatax fuq l-ammissjoni, anzi tingħata kontra dak li jkun qed jiġi ammess, is-sentenza, l-ammizzjoni u l-interess ġuridiku ma jikkonverġux iżjed, għax jibqa' jissussisti dak l-interess ġuridiku fil-parti li tottjeni deċiżjoni konformi mat-talba tagħha li t-talba attriċi tiġi akkolta. Filwaqt li fl-ewwel każ ikun kontrosens li l-parti tappella, fit-tieni, mhux talli m'hemmx kontrosens, iżda hemm interess ġuridiku li jista' jiġi tutelat biss bid-dritt ta' appell, liema dritt, ma jirriżultax eskluż mis-sub-artikolu msemmi peress li l-applikazzjoni ta' l-istess hija estiża biss għall-każijiet hemm *kontemplati*;

Fl-ewwel lok, għalhekk, din il-Qorti, qiegħda tirriġetta din l-eċċezzjoni preliminari ta' l-Onorevoli Prim Ministru bl-ispejjeż relativi kontra tiegħu;

Ikkunsidrat:

Illi mis-sentenza appellaw il-partijiet kollha. Din il-Qorti però ser tibda bl-appell ta' l-Onorevoli Prim Ministru billi l-eżitu tiegħu jinċidi fuq l-appelli l-oħra;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Onorevoli Prim Ministru jikkonsisti fil-fatt, illi fil-fehma tiegħu filwaqt li l-ewwel Qorti kienet korretta fl-ewwel żewġ konklużjonijiet tagħha, żbaljat meta ddikjarat li n-nomina *taż-żewġ Imħallfin Borg* u *Farrugia ma kinitx konformi* ma' l-artikolu 98(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u konsegwentement il-Qorti ta' l-Appell kif kostitwita mhix Qorti

mwaqqfa skond il-liġi u l-Kostituzzjoni;

Huwa jissottometti li biex waslet għal din il-konklużjoni l-ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-liġi. Infatti wara li l-istess Qorti qalet li l-kliem għandu jkollhom it-tifsir normali tagħhom hija għaddiet biex tgħid, li l-Leġislatur meta uża l-kelma "jista' " fl-artikolu 95(6) fil-fatt ried juża' l-kelma "għandu";

L-ewwel Qorti meta qalet dan kienet konxja li tali interpretazzjoni kienet iġġib magħha n-nullità tal-ħatriet ta' l-Imħallfin kollha (aġenti jew le) li saru wara l-1964. Huwa jissottometti li liġi li tiffissa n-numru ta' Imħallfin qatt ma saret u biex tiġi megħluba din id-diffikoltà mingħajr ma ħarset bir-reqqa lejn l-Estimi u l-"*Appropriation Act*" aċċettat it-teżi ta' Anthony Sammut u qalet li l-"*Appropriation Act*" li ssir kull sena, (għalkemm forsi hemm xi dubju jekk jissoddisfax kompletament ir-rekwiżiti ta' l-artikolu 95(6) ) din kienet il-liġi li awtorizzat l-infiq tas-salarju ta' dawk l-Imħallfin li jidhru fl-Estimi. Huwa jsostni li dan mhux korrett għal żewġ raġunijiet, (a) għaliex l-"*Appropriation Act*", *1992,* tapprova biss l-infiq ta' somma li ma teċċedix dik murija fl-Att, u (b) għaliex is-salarji ta' l-Imħallfin la huma murija fih, u lanqas jiddependu mill-"*Appropriation Act*" u lanqas mill-Estimi iżda huma "*charge*" fuq il-Fond Konsolidat mingħajr ebda liġi li tawtorizza l-ħlas (art. 102(2), u 107, 1 u 4);

L-appellant jissottometti li t-tieni interpretazzjoni żbaljata li għamlet l-ewwel Qorti hija dik li tat lill-kelma "vakanza" użata fl-artikolu 98 tal-Kostituzzjoni. Infatti huwa jgħid li l-ewwel Qorti l-ewwel qalet li vakanza ma teżistix għaliex l-Aġenti Mħallfin iġibu n-numru ta' Mħallfin għal aktar minn dak "provdut fl-

Estimi'' u wara qalet li l-post ikun vakanti biss meta xi ħadd li jkun qabel jokkupah, ikun ivvakah. L-appellant isostni li din l-interpretazzjoni hija żbaljata u ġġib dubju fuq l-aġir tal-gvernijiet kollha tal-pajjiż mill-1964 'l hawn fuq in-nomina ta' l-Imħallfin kollha u d-deċiżjonijiet mogħtija minnhom. L-argumenti miġjuba fis-sentenza appellata li l-interpretazzjoni mogħtija lill-Kostituzzjoni minnu tista' twassal għal abbuż, billi titnaqqas l-indipendenza tal-ġudikatura, huwa superfluwu, u billi l-ewwel Qorti stess qalet fl-istess sentenza, li, l-aġir tal-Gvern bl-ebda mod ma naqqas mill-indipendenza tal-Qorti ta' l-Appell jew tal-ġudizzjarju. Din il-kontradizzjoni li tidher li sfuġġiet lill-ewwel Qorti li tidher li għax beżgħet li xi ħadd jista' jabbuża mit-tajjeb ħasdet kull possibilità li jsir abbuż ipotetiku u ddikjarat dak li qalet bħala ħażin;

Ikkunsidrat:

L-artikolu 98(2) tal-Kostituzzjoni in kwantu jista' jirrigwarda din il-vertenza jiddisponi illi:

''Jekk il-kariga ta' xi Mħallef tal-Qrati Superjuri (li ma jkunx il-Prim Imħallef) tkun vakanti jew jekk xi Mħallef bħal dak ikun maħtur biex jaġixxi bħala Prim Imħallef jew ikun għal xi raġuni inkapaċi li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, il-President, li jaġixxi skond il-parir tal-Prim Ministru, jista' jaħtar persuna kkwalifikata għall-ħatra bħala Mħallef tal-Qrati Superjuri biex taġixxi bħala Mħallef ta' dawk il-Qrati'';

L-ewwel Onorabbli Qorti kkonstatat ksur ta' dan l-artikolu wara li waslet għall-konklużjonijiet segwenti;

(i) Bl-artikolu 95(6) tal-Kostituzzjoni l-liġi riedet li l-Qrati Superjuri mhux biss ikun provdut għalihom b'liġi, imma wkoll **li n-numru ta' Imħallfin** li jikkomponuhom, għandu jkun ukoll stabbilit u pprovdut b'**xi** liġi u ma jkunux u ma jitħalliex fid-diskrezzjoni ta' l-Eżekuttiv;

(ii) F'dan is-sens, il-kliem "jista' jkun" (*"may"* fit-*test* ingliż) fl-artikolu 95(6) għandu konnotat koattiv u mhux fakultattiv;

(iii) l-*"Appropriation Act"*, 1992, hija ċertament att leġislattiv li jistabbilixxi n-numru ta' mħallfin li għalihom ġew votati u approvati salarji determinati;

(iv) Minn dan kollu jsegwi illi l-interpretazzjoni ġusta li għandha tingħata lill-artikolu 98(2) tal-Kostituzzjoni, hi, li l-leġislatur ried jipprovdi għall-mili ta' karigi ta' mħallfin li jkunu jew kienu jokkupaw dawk il-karigi. Dan is-subartikolu jfisser li l-kawża li qiegħed jipprovdi għall-mili tagħha f'każ li ssir vakanti, hi proprju dik ta' vakanza minn wieħed mill-imħallfin li jkun ġie pprovdut għalih b'xi liġi a tenur ta' l-artikolu 95(6). Il-Leġislatur ma jitkellimx dwar meta, "tinħoloq" xi vakanza ta' mħallef, imma meta "il-kariga ta' xi mħallef tkun vakanti";

(v) Fil-każ preżenti ma kinux jeżistu vakanzi skond il-liġi li fihom setgħu jiġu maħtura ż-żewġ Aġenti Mħallfin imsemmija;

L-Onorevoli Prim Ministru ma' dan kollu ma jaqbilx u jissottometti s-segwenti punti:

1. L-ewwel Onorabbli Qorti żbaljat fl-interpretazzjoni

tagħha ta' l-artikolu 95(6) tal-Kostituzzjoni meta lill-kelma "jista' " ("*may*" fit-*test* ingliż) tatha s-sinfikat ta' "għandha" ("*shall*" fit-*test* ingliż), b'mod li dak li kien ovvjament fakultattiv ġie reż koattiv. Il-Kostituzzjoni ma tużax iż-żewġ termini indikriminatament, u minn eżami tad-diversi disposizzjonijiet tagħha fejn daqqa tintuża l-kelma "jista' " u daqqa l-kelma "għandu" jemerġi ċar li l-kelma "jista' " l-Leġislatur dejjem ried jagħtiha sinifikat fakultattiv bħal ma meta uża l-kelma "għandu" ried jagħtiha sinfikat koattiv. Infatti mkien fit-*test* Malti "*may*" ma ġiet tradotta bħala "għandu" imma dejjem bħala "jista' ";

2. L-obbligu Kostituzzjonali li jkun hemm Qorti jitwieled mhux mill-artikolu 95(1) tal-Kostituzzjoni imma mill-artikolu 39 tagħha, u għandha tinżamm distinzjoni bejn "Att leġislattiv" u "liġi";

3. Liġi fis-sens ta' att leġislattiv li jistabbilixxi n-numru ta' mħallfin ma teżistix u mhix rikjesta billi l-artikolu 95(6) dan iħallih fakultattiv. Lanqas m'hu neċessarju li s-salarju ta' l-imħallfin għandu jkun stabbilit b'liġi. L-"*Appropriation Act*", 1992, la hu l-Att li taħtu jiġu approprijati s-şalarji ta' l-imħallfin u lanqas m'hu Att li jistabbilixxi n-numru ta' l-imħallfin;

4. Mela, dak li qalet l-ewwel Qorti u ċjoè illi bħala konsegwenza loġika l-artikolu 95(6) ifisser li l-kelma "vakanza" fl-artikolu 98(2) tirreferi biss għal dawk il-karigi ta' imħallfin ġa eżistenti, hija żbaljata. Il-kelma "vakanza" fl-artikolu 98(2) ma tfissirx dak li qalet l-ewwel Qorti biss, imma tinkludi kull "vakanza" fis-sens ordinarju u vast tal-kelma. U għalhekk meta l-Eżekuttiv, kif għandu l-fakultà jagħmel bl-artikolu 95(6),

jiddeċidi li hemm bżonn nomini ta' mħallfin iżjed, tkun awtomatikament inħolqot "vakanza" li tista' timtela fit-termini ta' l-artikolu 98(2);

5. F'dal-każ inħolqu żewġ vakanzi li ġew mimlija skond il-liġi;

Biex din il-Qorti tkun aktar preċiża, jiżdied ukoll illi skond l-Onorevoli Prim Ministru, l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex tidħol fil-meritu tal-legalità o meno tan-nomina taż-żewġ Aġenti Mħallfin fit-termini ta' l-artikolu 98(2) tal-Kostituzzjoni, billi r-rikorrent, din l-allegata rregolarità ma pproponihiex separatament iżda abbinaha bħala premessa għat-talba tiegħu għal dikjarazzjoni li kien hemm ksur ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni. *Una volta* l-ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat fis-sentenza tagħha illi "infatti, ma hux qed jiġi allegat illi theddida simili attwalment teżisti għad-drittijiet fundamentali tagħhom", b'riferenza għar-rikorrenti, u waslet ukoll għall-konklużjoni li ma kienx hemm ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, hija ma kellhiex dritt aktar tidħol fil-meritu ta' l-artikolu 98(2) billi ma kienx hemm talba għal dikjarazzjoni f'dak is-sens;

Ikkunsidrat:

Illi minn eżami tal-paragrafu 6 tar-rikors promotorju huwa ovvju illi r-rikorrent Dr. Tonio Azzopardi kien qiegħed jorbot l-allegat ksur, jew non-osservanza, ta' l-artikolu 98(2) tal-Kostituzzjoni mal-pretensjoni tiegħu li kien hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Infatti l-kliem fl-istess paragrafu 6:

"li għalhekk il-Qorti *ta' l-Appell kif kostitwita mhux Qorti mwaqqfa b'liġi*",

ma jħallix dubju fuq dan. *U del resto* dan issa qed jaċċettawh il-kontendenti kollha;

Tqum il-kwistjoni jekk l-ewwel Onorabbli Qorti setgħetx tiddeċidi separatament il-kwistjoni ta' l-artikolu 98(2) kif iddeċidietha. Però, kif din il-Qorti sejra tispjega aktar tard, indipendentement minn din il-kwistjoni, hu ovvju li l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx tiddeċidi fuq l-allegat ksur ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni mingħajr ma tidħol fil-kwistjoni ta' l-allegata non-osservanza ta' l-artikolu 98(2) billi din kienet waħda mill-premessi ta' dak l-allegat ksur. *Effettivament għalhekk dak li, skond din* il-Qorti, kellu jkun l-eżerċizzju ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, kien li tara jekk id-diversi allegati rregolaritajiet u vjolazzjonijiet ta' liġi premessi mir-rikorrent kinux jirriżultaw, però dejjem in kwantu setgħu jkunu l-bażi ta' l-allegat ksur ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Jekk imbagħad, kif ġara, tasal għall-konklużjoni, li nonostante li kien jirriżulta ksur ta' l-artikolu 98(2), dan ma kienx jimporta wkoll ksur ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni, fit-termini tat-talba tar-rikorrent, kien jeżorbita mill-funzjoni tagħha li tagħmel dikjarazzjonijiet fid-decide li jmorru oltre dak li kien strettament talab ir-rikorrent. Kellha biss tiddeċidi li ma kienx hemm ksur ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6(1) tal-Konvenzjoni u tiċħad it-talba tar-rikorrent;

Isegwi minn dan illi l-eżerċizzju li trid tagħmel issa din il-Qorti huwa li tara l-ewwel u qabel kollox jekk taqbilx ma' l-ewwel

Onorabbli Qorti li kien hemm ksur ta' l-artikolu 98(2), f'liema każ, billi dan l-allegat ksur kien biss premess għat-talba ta' dikjarazzjoni ta' allegata vjolazzjoni ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, tinvesti mbagħad il-kwistjoni jekk it-talba tar-rikorrent kellhiex tiġi milqugħa jew le. Dan effettivament jikkokstitwixxi l-meritu ta' l-Appelli l-oħra. Però għall-mument, kif ingħad, l-ewwel punt li jrid jiġi investit hu jekk in-nomina ta' l-Aġenti Mħallfin saritx validament skond l-artikolu 98(2) tal-Kostituzzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi m'hemmx dubju li n-nomina ta' l-Imħallfin Farrugia u Borg saret taħt l-artikolu 98(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, liema artikolu jirrigwarda nomina ta' Aġenti Mħallfin kif hemm stess fis-subtitolu mal-ġenb ta' l-artikolu *"de quo"*. Bħala fatt dan jirriżulta wkoll ampjament ċar minn dak li hemm imniżżel fid-Dokument tal-ħatra tagħhom li jibda bil-kliem:

"Billi s-subartikolu 2 ta' l-artikolu 98 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ...";

Mid-diċitura ta' l-imsemmi artikolu jidher ċar li l-ħatra ta' l-Aġent Mħallef tista' ssir biss, meta jkun hemm karigi ta' Mħallef tal-Qrati Superjuri vakanti jew meta Mħallef minnhom ikun qed jaġixxi bħala Prim Imħallef jew għal xi raġuni jkun inkapaċi li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu. L-aħħar żewġ ipotesijiet mhux relevanti għall-każ preżenti. Fil-fehma ta' din il-Qorti, jidher ċar, li l-kelma "vakanza" fl-art. 98(2) qiegħda u tista' tirreferi biss għal meta jkun hemm kariga ġa okkupata minn Imħallef li tisfa vakanti tkun xi tkun ir-raġuni. Il-vakanza

li jsemmi l-artikolu 98(2) tal-Kostituzzjoni trid tiġi kkunsidrata b'riferenza għan-numru ta' Mħallfin ġa eżistenti u ma tistax testendi fis-sinifikat tagħha għas-sens mogħti mill-Onor. Prim Ministru u ċjoè li tinkludi wkoll il-ħolqien ta' vakanza mill-Eżekuttiv. Il-vakanza kontemplata mill-art. 98(2) tista' timtela b'Aġenti Mħallfin purchè dik tkun ta' wieħed mill-"*complement*" eżistenti. Mhux konċepibbli li jekk l-Eżekuttiv jiddeċidi li jikkrea jew joħloq vakanza, u b'dan kien ikun qed iżid in-numru ta' l-imħallfin, ikun jista' jimla l-istess "vakanza" b'Aġent Imħallef. Kieku kien kif qed jipprospetta l-Avukat Ġenerali, il-kunċett kollu tal-ġudikatur jiġi stultifikat billi lill-Eżekuttiv jiġi rrikonoxxut id-dritt inerenti li karigi ġodda ta' Mħallfin jimtlew b'Aġenti Mħallfin flok oħrajn permanenti kif wieħed jistenna;

Jista' jingħad ukoll li kif ġie sottomess mill-appellanti Farrugia u Sammut li fejn tirrikorri l-kelma "*vacancy*" fil-Kostituzzjoni, din dejjem tfisser li hemm kariga stabbilita però hemm nieqsa l-persuna li qabel kienet tokkupaha fis-sens ta' "*incumbency*" bħal fil-każ tal-President tar-Repubblika, Membri tal-Parlament u l-Ispeaker. L-art. 62 li jirrigwarda "*vacancies*" tal-Membri tal-Parlament huwa ntitolat "mili ta' vakanzi". Dan jistabbilixxi kif għandhom jimtlew dawn il-"*vacancies*". b'ebda mod ma jista' dan, jiġi estiż li jfisser li jekk l-Eżekuttiv jidhirlu li hemm bżonn ta' aktar, dan jaqbad u jaħtar aktar membri minn dak stabbilit biex ilaħħqu max-xogħol. L-istess jista'jingħad fir-rigward ta' "*vacancy*" fil-kariga ta' President li tista' tinħoloq, kif ukoll dik ta' l-Ispeaker. Il-Qorti tirreferi wkoll għall-artikoli rilevanti fil-Kostituzzjoni li tirreferi għal "*vacancies*" fil-*Broadcasting Authority, Public Service Commission*, "*vacancy*" *of an* "*Office established by the*

*Constitution, Electoral Commission, Prime Minister*'' u oħrajn. F'ebda każ minn dawn, lill-kelma ''*vacancy*'' ma qatt ġiet mogħtija s-sinfikat li l-appellant Onor. Prim Ministru jrid jagħtiha fil-każ preżenti;

Issa fil-każ preżenti, ma hemm ebda vakanza bil-mod kif jistipula l-art. 98(2) fuq imsemmi billi ebda waħda mill-karigi ta' l-Imħallfin ġa eżistenti sfat vakanti. Dan iġib miegħu bħala konsegwenza li n-nomina ta' l-Imħallfin Borg u Farrugia tmur kontra l-istess artikolu kif qalet l-ewwel Qorti. Il-Leġislatur fl-artikolu 98(2) mhux qiegħed jipprospetta każ fejn tinħoloq xi kariga ġdida ta' mħallef iżda każ fejn kariga ta' Mħallef ġa eżistenti tkun sfat vakanti kif imsemmi fl-artikolu 98(2);

Id-dispost ta' l-artikolu 98(2) fil-fehma ta' din il-Qorti huwa ċar u ma jagħti lok għal ebda interpretazzjoni oħra barra din aktar 'il fuq imsemmija. Hemm prinċipju assolut li japplika dejjem f'dan ir-rigward, fejn il-kliem fil-liġi ppromulgata huwa ċar, m'hemmx interpretazzjoni x'tingħata lil-liġi ħlief dik espressa fil-kliem użati fl-istess liġi. Dak li l-Leġislatur ried jagħmel huwa ntiż fil-kliem tal-liġi nfisha. Fil-kamp Kostituzzjonali bħal ma qalet l-ewwel Qorti l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-kliem il-Leġislatur għandha tkun ristrettiva. F'dan il-każ terġa', dak li ried il-Leġislatur fl-artikolu ''*de quo*'' fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa ċar biżżejjed u ma jagħti lok għal ebda interpretazzjoni oħra. Il-konklużjoni ta' din il-Qorti, bħal dik ta' l-ewwel waħda hija, għalhekk, li n-nomina ta' l-Imħallfin Farrugia u Borg mhix konformi ma' l-artikolu 98(2) tal-Kostituzzjoni;

Issa l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha wara li waslet għal

din il-konklużjoni għaddiet biex tikkunsidra jekk il-ħatra ta' l-imsemmija Mħallfin kinitx tivvjola wkoll l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, dan però mill-*punto di vista* kif qalet hi (paġ. 11 *et* tas-sentenza) "**li minħabba n-natura, l-mod u l-kundizzjonijiet ta' kif saret din in-*nomina*** r-rikorrent mhux ser jiġi ġġudikat minn Qorti indipendenti u imparzjali kif trid il-Kostituzzjoni". In fatti l-ewwel Qorti għaddiet biex tikkunsidra l-ewwel jekk l-Imħallfin "*de quo*" jgawdux l-istess *protezzjoni sħiħa* li jgawdu mħallfin regolari fosthom li ma jgawdux is-"*Security of Tenure*". Fil-fehma ta' l-ewwel Qorti r-rikorrent "għalhekk qiegħed *jikkontesta n-nuqqas ta' indipendenza u imparzjalità fil-prinċipju* minħabba ċ-ċirkostanzi u l-modalitajiet tal-ħatra tagħhom". Għalhekk l-ewwel Qorti għaddiet biex tinvesti l-kwistjoni ta' l-indipendenza u imparzjalità fir-rigward ta' l-*Imħallfin* Farrugia u Borg. Fl-aħħarnett l-imsemmija Qorti għaddiet biex tikkunsidra l-ilment l-ieħor tar-rikorrent u ċjoè li l-Kostituzzjoni tat-tieni Qorti ta' l-Appell (temporanja) hija in vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili li jikkontemplaw biss l-eżistenza ta' Qorti ta' l-Appell waħda u inoltre ma jikkontemplawx l-eżistenza ta' Qorti ta' Appell temporanja;

Minn eżami ta' dak kollu li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata jidher li l-ewwel Qorti kienet preokkupata u daħlet fil-kwistjoni ta' x'konnessjoni seta' *kien hemm bejn il-fatt li n-*nomina "*de quo*" ma kinitx konformi ma' l-art. 98(2) tal-Kostituzzjoni u l-allegata vjolazzjoni ta' l-artikolu 39(2) ta' l-istess u ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni fil-kuntest ta' l-indipendenza u imparzjalità iżda injorat il-fattur li l-artikoli msemmija jirrikjedu wkoll l-eżistenza ta' Qorti u li dik il-Qorti

tkun kostitwita b'liġi;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju prinċipali li ressqu l-intimati appellanti Dr. Anthony Farrugia u Anthony Sammut, kif ukoll ir-rikorrent appellant, Dr. Tonio Azzopardi jidher li huwa proprju dan. Huma qegħdin jilmentaw mill-fatt li l-ewwel Onorabbli Qorti ma rriskontratx ksur ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, kif ukoll vjolazzjoi ta' l-artikolu 41(1) tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Huma jsostnu li l-ewwel Qorti ddeċidiet sewwa meta qalet li n-nomina ta' l-Imħallfin Aġenti ma kinitx konformi ma' l-artikolu 98(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u li konsegwentement il-Qorti ta' l-Appell kif kostitwita mhix imwaqqfa skond il-liġi u l-Kostituzzjoni. Huma jsostnu però li *una volta* li l-Qorti ta' l-Appell kif kostitwita mhix Qorti mwaqqfa skond il-liġi, għalhekk isegwi neċessarjament ksur fundamentali tagħhom għas-smigħ xieraq (art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u art. 6(1) tal-Konvenzjoni li jippresupponu għal ''smigħ xieraq'', Qorti mwaqqfa b'liġi;

L-appellanti qegħdin jissottomettu li d-dritt fundamentali ta' *''fair hearing''* jippresupponi li jkunu jeżistu erba' elementi anteċedenti li huma s-segwenti u ċjoè li jkun hemm (a) Qorti, (b) imwaqqfa skond il-liġi, (ċ) indipendenti u (d) imparzjali;

Rigward l-ewwel element l-appellant jissottometti li biex ikun hemm *''fair hearing''* dan irid isir minn ''Qorti''. Issa l-Qorti ta' l-Appell hija komposta minn tlitt Imħallfin, però fil-każ preżenti tnejn minnhom m'humiex Imħallfin skond il-liġi

imma żewġ persuni li ġew mogħtija s-sembjanza ta' Mħallfin bi ksur tal-Kostituzzjoni. F'dan il-każ għalhekk, wieħed ma jistax jitkellem fuq qorti fis-sens tal-Kostituzzjoni billi skond din, il-Qorti trid tkun komposta minn Imħallfin legalment innominati;

Ikkunsidrat:

Illi fit-trattazzjoni orali ta' dan l-appell id-difensuri ta' l-appellanti Dr. Farrugia, Sammut u Dr. Azzopardi għamluha ċara li l-kawża li għamel ir-rikorrent kienet, mhux biex jottjeni dikjarazzjoni mill-Qorti li n-nomina ta' l-Imħallfin in kwistjoni kienet tikser xi liġi iżda li dan il-ksur kien *jivvjola d-drittijiet* fundamentali tagħhom taħt l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni. Huma jissottomettu li hemm *konnessjoni bejn il-ksur tal-liġi "de quo"* u l-*allegata vjolazzjoni* tad-drittijiet fundamentali tagħhom;

L-art. 39(2) jiddisponi li "Kull Qorti jew Awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni tad-drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali" u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal din huma mibdija minn xi persuna quddiem Qorti jew Awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti "smigħ xieraq" għeluq żmien raġonevoli;

Minn dan l-artikolu joħroġ li każijiet dwar drittijiet jew obbligi ċivili għandhom jiġu deċiżi minn Qorti mwaqqfa b'liġi li tkun indipendenti u imparzjali. Meta jibdew proċeduri *quddiem tali Qorti dawn għandhom jingħataw "smigħ xieraq* għeluq żmien raġonevoli". Għalhekk kif sewwa ssottomettew id-difensuri msemmija d-dritt sanċit tal-*"Fair Hearing"*

jippresupponi l-eżistenza ta' erba' kundizzjonijiet u ċjoè: (1) li l-kontroversja trid tiġi ġġudikata minn Qorti (2) li din tkun Qorti mwaqqfa b'liġi (3) li l-Qorti tkun indipendenti u (4) li tkun ukoll imparzjali. Huwa ovvju li jekk f'xi każ ikun nieqes anki element wieħed biss minn dawn l-erbgħa allura ma jkunx hemm smigħ xieraq kif jirrikjedi l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Din il-Qorti ġa kellha okkażjoni oħra fejn ippronunzjat ruħha f'dan ir-rigward. In fatti fl-Appell Kostituzzjonali "Il-Pulizija *vs* Emanuel Vella" deċiż fit-28 ta' Ġunju, 1983 din il-Qorti wara li qalet li skond il-Kostituzzjoni, is-"smigħ xieraq" irid isir quddiem Qorti li hija *inter alia* indipendenti, qalet ukoll li din neċessarjament tinvolvi l-eżami tal-punt jekk it-tribunal huwiex Qorti għall-finiijet tal-Kostituzzjoni. In-neċessità mbagħad, ta' l-eżami tal-kwistjoni ta' l-indipendenza kif ukoll attributi oħra rikjesti mill-Kostituzzjoni tinħoloq **jekk u wara** li jiġi stabbilit li t-tribunal in eżami huwa Qorti, għaliex jekk it-**tribunal *"de quo"*** jirriżulta li mhux Qorti allura ma jkunx hemm ebda neċessità li jiġu eżaminati kwistjonijiet oħra. Dan l-eżami ta' jekk it-tribunal in kwistjoni hux Qorti jew le jrid isir qabel jiġu nvestiti l-elementi l-oħra rikjesti għal *"Fair hearing"*;

Issa r-rikorrent fir-rikors promotorju qiegħed jippremetti li hu ġie nnotifikat b'Avviż tas-Smigħ ta' l-Appell fil-kawża fl-Ismijiet "Anthony Sammut u Dr. Anthony H. Farrugia *vs* Dr. Tonio Azzopardi" liema appell ġie appuntat għat-2 ta' Ottubru, 1992. Dan l-appell kellu jinstema' quddiem il-Qorti ta' l-Appell komposta mill-President tal-Qorti flimkien ma' żewġ Aġenti Mħallfin maħturin mill-E.T. il-President ta' Malta liema żewġ Imħallfin għandhom ikollhom dik il-kariga għal ħdax-il xahar;

Skond l-artikolu 41(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-Qorti ta' l-Appell "hija magħmula mill-President u żewġ Imħallfin oħra ..." Naturalment il-kliem "żewġ Imħallfin oħra" għandhom jinftehmu nnominati skond il-liġi. Issa din il-Qorti bħall-ewwel waħda ġa waslet għall-konklużjoni li n-nomina taż-żewġ Imħallfin Farrugia u Borg mhix konformi mad-dispost ta' l-artikolu 98(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u għalhekk hija invalida. Minħabba f'hekk ġie li l-Qorti ta' l-Appell, li quddiemha r-rikorrent u l-intimati Farrugia u Sammut, għandhom jidhru mhix komposta kif jistabbilixxi l-artikolu 41(1) tal-Kodiċi fuq imsemmi billi n-nomina taż-żewġ Imħallfin Farrugia u Borg hija illegali u għalhekk invalida. Il-Qorti ta' l-Appell in kwistjoni fit-termini ta' l-artikolu 41(1) "*de quo*" għalhekk ma teżistix billi fiha hemm biss il-President. Għalhekk f'dan il-każ hemm nieqes l-ewwel element essenzjali tal-"*fair hearing*" u għalhekk mhux sodisfatti r-rekwiżiti ta' l-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni li qabel xejn jirrikjedu l-eżistenza ta' Qorti. Ġa ntqal aktar 'il fuq li biex ikun hemm "*fair hearing*" iridu jikkonkorru l-erba' elementi msemmija;

Issa *una volta* din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li t-tribunal li quddiemu kellhom jidhru r-rikorrenti u l-intimati Farrugia u Sammut m'huwiex Qorti, ma tara ebda skop utli li tgħaddi biex tinvesti kwistjonijiet oħra, u dan in osservanza tal-prinċipju ta' "*Strict Necessity*" diversi drabi mħaddem minn din il-Qorti. (*Vide* "Il-Pulizija *vs* Emmanuele Vella" *Sup. Cit.*) L-aggravju ta' l-appellanti rikorrent Dr. Tonio Azzopardi u ta' l-appellanti Farrugia u Sammut huwa wieħed validu u qiegħed għalhekk jiġi milqugħ minn din il-Qorti;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeċidi billi prevja

li tiċħad l-appell ta' l-Onorevoli Prim Ministru, tilqa' l-appelli ta' Dr. Tonio Azzopardi u ta' Dr. Farrugia u Anthony Sammut, fis-sens li tiddikjara illi tirriżulta vjolazzjoni ta' l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni billi jonqos l-element ta' l-eżistenza ta' Qorti minħabba li n-nomina ta' l-Aġenti Mħallfin imsemmija ma saritx in konformità ma' l-artikolu 98(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u f'das-sens tirrevoka s-sentenza appellata. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jiġu sopportati mill-partijiet kulħadd iħallas tiegħu, spejjeż tar-reġistru ugwalment bejniethom.